


# Mons. Mikiel Barbara (1868 – 1924)

**kitba ta' Carmen Muscat**

Dun Mikiel Barbara twieled Ħal Kirkop fit-8 ta' April 1868 u tgħammed f'dak il-jum. Missieru kien Giovanni Barbara u ommu Rosanna Montebello. Ref: (***Reġistru tal-Magħmudija, Vol. 3 p. 82, Kirkop.)***

Kemm missieru kif ukoll ommu kienu mill-Gudja. Huma ġew joqgħodu ġewwa Ħal Kirkop meta missier ommu (Nannu Lorenzo Montebello) iddeċieda jixtri żewġt idjar f'dar-raħal għaż-żewġ uliedu bniet, Rosanna u Anna. Lil Rosanna messitha d-dar ta' faċċata tal-knisja (illum Nru. 10) waqt li oħtha ħadet tal-ġenb, fejn illum hemm il-Kunvent tas-Sorijiet. (Ref: *L-Artiklu:* ***Tliet Familji Benefatturi tal-Fratellanza ta' San Ġużepp.*** *Angelo Schembri. Rivista/Programm tal-Festa ta' San Ġużepp Ħal Kirkop, 2003, p.37.)*

Giovanni u Rosanna żżewġu fl-1860 meta kellhom 18 u 15-il sena rispettivament. Huwa kellhom ħamest itfal,[2] ie Ġużeppa, Grazzja, Karmenu, Dun Mikiel u Dun Nard. Dan ta' l-aħħar kien illawrjat fil-liġi qabel ma daħal saċerdot u miet ta' 23 sena qabel ma laħaq jikkonċelebra l-Prima Messa. Huwa miet wara jumejn li ħa xemxata meta ħareġ ma' sħabu saċerdoti novelli. F'din il-familja, sfortunatament mietu wkol il-missier Giovanni u l-iben Karmenu. Ġużeppa biss iżżewġet. (Ref: ***ibid.)***

Huwa studja fis-Seminarju ta' Malta fejn kien jibbrilla fost sħabu l-istudenti. (Ref: *Informazzjoni ġentilment mogħtija minn* ***Mons. Lawrenz Cachia,*** *April, 2007.)*

Dun Mikiel ġie ordnat saċedot fit-23 ta' Mejju 1891 – Kirkop. (Ref: ***Ordninazzjonijiet Saċerdotali, 1800-2000*** *miġburin minn Fr. Joe Calleja (Msida), 2001, p.35.)*

Wara li laħaq qassis, beda jgħallem fl-istess Seminarju u l-ewwel għallem il-Latin u wara t-Teoloġija Dommatika. Kien studjuż kbir tal-Latin u kiteb bosta poeżiji b'latin mirqum ħafna fuq l-istil ta' Catullus. Kien imsemmi għall-priedki li kien jagħmel u kien iżomm li kulħadd attent kemm meta jippriedka bil-Malti kif ukoll bit-Taljan. Kien ukoll eżaminatur fil-Kurja tal-kjeriċi jiġifieri dawk li se jqaddsu, kif ukoll ta' dawk li se jsiru kappillani. (Ref: *Informazzjoni ġentilment mogħtija minn* ***Mons. Lawrenz Cachia,*** *April 2007.)*

Fost l-istudenti tiegħu, nsibu lill-Arċisqof Mikiel Gonzi u lil Dun Karm Psaila. (*Ref: L-Artiklu t'****Angelo Schembri*** *msemmi fuq.)*

Iżda skond ir-riċerka li għamilt, sibt li Dun Karm kien ta' bilħaqq ħabib kbir ta' Dun Mikiel kif jixhdu siltiet mill-ktieb **Dun Karm, Ħajtu u Ħidmietu** ta' *Ġużè Cardona*, (Malta, Lux Press, 1972, 1st ed.) p. 49, 50, 69, iżda huwa kien tamparu fl-età. Kienu jfittxu l-ħbiberija ta' xulxin u anke joħorġu passiġġati flimkien. *(Ref: Ara ritratt fejn Dun Mikiel jidher bil-kappell f'rasu.*[3]*)*

Aktar probabbli kienu għalliema flimkien. Fis-sena 1920, per eżempju, Dun Mikiel Barbara kien għalliem fl-Elokwenza Sagra fil-kors tat-Teoloġija l-Università ta' Malta waqt li Dun Karm kien jgħallem l-Arkeoloġija u Storja tal-Knisja. (Ref: ***Mons. Ġużeppi de Piro*** *p.27.)*

Dun Mikiel Barbara kien imfittex għal priedki sbieħ. Huwa għamel il-paniġierku għall-okkażjoni ta' l-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Ġużepp Francalanza li ordna ma' Dun Karm, li saret il-Ħadd 3 ta' Ġunju 1894 fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl il-Belt. (Ref: ***Il Portafoglio Maltese,*** *7 Giugno, 1894.)*

Fl-1897, hu kien il-predikatur li għamel il-paniġierku nhar il-Festa ta' San Pawl f'Ħal Safi. (Ref: ***Ħal Safi,*** *Paul Callus. Malta, 1998 p. 122.)*

Meta saret il-funzjoni tat-tlugħ is-Salib monumentali fuq il-Għolja 'Ta' l-Għolja' s-Siġġiewi,



Il-Familja Barbara - Bilwieqfa naraw lil Karmenu u Ġużeppa filwaqt li bilqiegħda Dun Mikiel, l-Omm Rosanna u Grazzja.

il-Prof. D. Mikiel Barbara għamel diskors xieraq ta' madwar siegħa u tant żamm il-folla attenta li ġie deskritt li ppriedka *poeticamente*.[4] (*Ref:* ***Malta, 3 Ottobre 1903***[5]) ***Id-devot ta' Maria, Octo. 1902, No. 11 (illegat fil-volum 1902-3-4-5 Il-Biblioteka Nazzjonali)***

Bejn is-snin 1891 - 1892, Dun Mikiel ta l-kontribut



Dun Mikiel f'ritratt li ttieħed ftit wara li ġie ordnat saċerdot.

tiegħu wkoll lill-Fratellanza ta' San Ġużepp ta' Ħal Kirkop billi matul dawn is-snin kien is-segretarju tagħha. *(Ref: L-Artiklu t'**Angelo Schembri** msemmi fuq.)*

Dun Mikiel ħa sehem f'konkors wieħed. (*Ref: Ara karta mehmuża bir-referenza indikati.*[6])

L-Isqof Pietru Pace għamlu Monsinjur Kuġitur ta' Mons. Alfred Mifsud u sar Monsinjur Effettiv meta miet Mifsud. *Ref:* ***Kronoloġija tal-Monsinjuri Mejtin.*** *Arkivju tal-Kapitlu tal-Katidral.*

Dal-Mons. Mifsud kien iz-ziju ta' Sir Ugo Mifsud. (*Ref:* ***Dr. Carmel Vella,*** *qarib ta' Mons. Mikiel Barbara.)*

Fl-andament tar-riċerka tiegħi, semmewli isem ta' tabib li, flimkien ma' ħutu, huma l-uniċi membri ħajjin tal-familja ta' Dun Mikiel. Dan it-tabib li joqgħod is-Siġġiewi, **Dr Carmel Vella** bil-paċenzja kollha tani bosta tagħrif siewi fuq dan il-persunaġġ. Huwa spjegali l-arblu tar-razza tal-familja tagħhom[7] u wkoll il-ġrajja mtappna madwar il-kariga ta' Mons. Mikiel bħala Monsinjur. Fil-fatt, wara xi żmien, l-istat ta' Monsinjur ġie mogħti minflok lil ħaddieħor!

Dan il-fatt hu spjegat tajjeb ukoll minn Dr Horatio Vella, Senior Lecturer l-Università. L-Ispjegazzjoni tgħid hekk: '*L-Ironija hi li għalkemm f'ħajtu kien għal xi żmien Monsinjur, f'mewtu ma kienx peress li t-titlu tiegħu kien ġie mgħoddi, għal ebda nuqqas ta' mertu tiegħu, lil wieħed saċerdot ieħor.*' (*Ref:* ***Dun Mikiel Barbara u Jien.*** *Horatio Caesar Roger Vella. Artiklu fir-Rivista tal-Festa, Għaqsa Mużikali San Leonardu, Kirkop, 2003 p. 115.)*

Huwa tant ħadha bi kbira li x'aktarx bix-xokk marad u miet f'qasir il-għomor. (*Ref:* **ibid.** *p. 115.)*

Huwa miet il-Ħamis, 3 ta Lulju 1924 fl-età ta' 56 sena. (*Ref:* ***Malta Tagħna, 12 ta' Lulju 1924.***[8])

Huwa midfun fil-Parroċċa ta' Ħal Kirkop fil-qabar tiegħu Nru. 8. (*Ref: Dr Carmel Vella.* ***Reġistru Parrokkjali ta' l-Imwiet Ħal Kirkop.*** *Artiklu ta'* ***Angelo Schembri*** *msemmi hawn fuq, p.38.)*

Iżda skond Dr. Horatio Vella, jidher li Mons. Mikiel Barbara huwa midfun fil-Katidral ta' l-Imdina. (*Ref: L-**Artiklu** tiegħu msemmi hawn fuq, p. 115 fuq nett.)*

Il-Lapida tiegħu[9] nsibuha ħdejn in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju fuq ix-xellug ma' l-art u tinqara hekk: (*Ref:* ***Teżori fil-Knejjes Maltin: Ħal Kirkop, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Safi, Iż-Żurrieq.*** *Tony Terrible, PIN., 2004, p.38.)*

Mikiel Barbara
Monsinjur tal-Katidral,
qiegħed jistrieħ hawn,
Huwa għallem il-Latin u t-Teoloġija
fis-Seminarju.




Is-Santa tal-Mewt ta' Mons. Mikiel Barbara.
Din ġiet ġentilment mislufa mis-Sur Alexander Spiteri



servi che a destare ilarità.

Finite le preci rituali il rinomato oratore Prof. Barbara salì il pergamo; ed io credo che in vita sua, se più eloquentemente, non predicò mai però più ..., poeticamente, all'aria aperta (e un'aria poi!), con una brezzolina mista a minutissima pioggia che battea sul viso e imperlandolo di fresche goccioline.., Per circa un'ora, ci seppe tenere fissi estaticamente al suo sguardo tutti gli sguardi. Finì dicendo (e le sue belle parole mi suonano ancora all'orecchio come una dolce melodia) :—« Popolo del Siggieui e voi tutti, maltesi: quando i vostri occhi volgerete da questa parte, e li poserete su questo colle, che la vista di questa bellissima Croce vi raffermi in quella Fede che rese e mantenne civili in mezzo alla barbarie i nostri padri... Ricordiamoci che in questa cara terra nostra, che è detta *fior del mondo*, l'amor di Cristo e della Patria andarono mai sempre congiunti in un solo affetto:.. ebbero mai sempre nel cuor dei maltesi uno stesso altare, un medesimo culto, cui pel lungo volgere di diecinove secoli non valse, e non varrà certo, a distruggere l'estranio giogo... Protestiamo, qui dinnanzi a questo simbolo della nostra Redenzione, di voler tenere indivisibili nei nostri cuori questi due amori; e di voler vivere e morire figliuoli amanti in grembo alla nostra benignissima madre — la Chiesa Cattolica che in Pio X ha di nuovo trovato il suo sposo...: Erompa dai nostri petti un grido solo: « Viva Gesù Cristo Signor Nostro Re dei Secoli.» Mille voci—una sola voce —si levò forte e santa; ed il nome di Cristo, portato sulle ali degli Angeli, echeggiò di balza in balza... Tutti, dal Vescovo all'ultimo popolano, si congratularono col dotto Oratore. Altro non dirò per non offendere la modestia di questo, e *per non* portare, col'e mie lodi, nottole in Atene.

Seguì la sollenne Benedizione — una cerimonia tanto sublime e bella, per chi

Il-ġurnal Malta e Sue Dipendenze tat-8 ta' Ottubru 1903 ifaħħar id-diskors ta' Mons. Barbara fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tas-Salib ta' l-Għolja.

Huwa xandar il-Kelma t'Alla tul il-Gżira kollha.
Huwa għen l-Isqof
sabiex jeżamina lis-Seminaristi
u jagħżel lill-kappillani.
Miet fit-3 ta' Lulju tas-sena 1924.,
fl-età ta' 56.
Saħħa għal dejjem fi Kristu, saċerdot rispettabbli:
Ħalli Leħen il-Poplu jitkellem
fuq l-għemejjel tiegħek ta' l-Għaġeb.

*(Ref: Traduzzjoni minn Dr. Horatio Vella fl-Artiklu tiegħu msemmi hawn fuq.)*

F'għeluq il-mitt sena minn twelidu, nkixfet lapida mal-faċċata tad-dar t'ommu f'Misraħ Ħal Kirkop[10] fejn illum hemm l-għaqda ta' San Leonardu:

F'Din id-Dar
Twieled, għex u miet
Mons. Mikiel Barbara
1868-1924
Professur tal-Latin u
Tad-Dommatika
Eżaminatur tal-Kleru
Predikatur wisq popolari
Il-Poplu ta' Ħal Kirkop
1968

(Ref: **L-Artiklu** *t'Angelo Schembri*, p. 38.)

Bħala tifkira oħra, fir-raħal issemmiet triq għalih – Triq Mons. Mikiel Barbara. (*Ref:* ***Reġistru Elettorali, il-Ħames Distrett****, 2006, p.58.)*

**Bibjografija u Referenzi**

*Cardona, Ġużè: Dun Karm, Ħajtu u Ħidmietu.* Malta, Lux Press, 1972, 1st ed.

*Terrible, Tony:* **Teżori fil-knejjes Maltin: Ħal Kirkop, l-Imqabba, Qrendi, Ħal Safi, Żurrieq.** PIN., 2004.

**Minn rivisti tal-Festa**

*Schembri, Angelo:* **Tliet Familji Benefatturi tal-Fratellanza ta' San Ġużepp,** Festa San Ġużepp Ħal Kirkop, 2003.

*Vella, Horatio Caesar Roger*: **Dun Mikiel Barbara u Jien**. Għaqda Mużikali San Leonardu Kirkop, 2003.

Ħajr lis-**Sur Paul Azzopardi,** ex. Segretarju tal-Każin tal-Banda San Ġużepp u Arkivista li bis-saħħa tiegħu ltqajt ma' persuni relevanti għar-riċerka.

Hajr ukoll lil **Dr Carmelo Vella** bhala qarib tal-Mons. Barbara u kien fonti ta' taghrif.

Hajr lil **Mons. Lawrenz Cachia** li tani taghrif siewi fuq is-suġġett.

N.B. Mir-riċerka ħareġ li **Dr. Horatio Vella** wkoll ghandu parentela fil-boghod mal-Mons. Barbara. (l-Artiklu tiegħu).

[1] Ara deskrizzjoni u kopja miġjuba bil-Malti

[2] Ara ritratt tal-Familja.

[3] Ara kopja tar-ritratt.

[4] Silta mid-*Devot ta' Marija*.

[5] Mill-Gazzetta *Malta* 1903.

[6] Il-Konkors indikat.

[7] L-Arblu tar-Razza kif jasal sat-Tabib K. Vella.

[8] Il-Gazzetta *Malta Tagħna*.

[9] L-iSkrizzjoni maqluba għall-Malti.

[10] Ritratt ta' din il-Lapida; Ritratt ta' tifkira oħra bir-ritratt tal-Mons.




Il-lapida kommemorattiva li twaħħlet mad-dar ta' omm Dun Mikiel Barbara, fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju minn twelidu.



Zeug persuni distinti u mill izied magħrufa tilfet Malta minn fost uliedha li minnhom tant chienet kegħda tara gid u li tant chienu ieabbru l'unur tagħha, nhar il Hamis 3 ta Lulju. Il uiehed l'esemplarissimu Sacerdot Canonicu tal Cattedral Mons. DUN MICHELE BARBARA, sacerdot imzejjen biz-zelu, Predicatur mill'izied famusi u mill'izied imseminija, corifattiv u umili. L'iehor il Prof. Tabib ALFREDO VASSALLO, ragel ta carità u ta kalb l'izied nobbli, jixhdu il morda li minnu chienu iccurati fost'hom dauc ta l'Sptar Centrali, u b'mod speciali ta' mard il għajnejn. Għalhecc, it-tajjeb, rajh ma ihallix hlief isem imbierec u desolazioni, chif halleu daun iz zeug persunaggi li, chif nisperau, il hanin Alla già ippreminhom tal hidma tagħhom fl'art, bil gloria eterna fis-Sema.

Gesù! Maria!

Il-ġurnal Malta Tagħna tat-12 ta' Lulju 1924 iħabbar il-mewt ta' Mons. Barbara.

# Mons. Mikiel Barbara

Twieled Ħal Kirkop u fi tfulitu studja s-Seminarju ta' Malta, fejn ġie minn ta' quddiem fost sħabu l-istudenti. Meta laħaq qassis beda jgħallem fl-istess Seminarju l-grammatika tal-Latin imbagħad il-prinċipji ta' l-elokwenza biex wara beda jgħallem id-dommatika bi profitt kbir għal dawk li kienu jitħarrġu taħtu. F'Konferenzi reliġjużi kien iħalli lil kulħadd mgħaġġeb bil-ħila tiegħu fl-ilsna, kemm dak Malti kif ukoll dak Taljan. Kien ġie nnominat eżaminatur tal-kleru u tal-materji kurjali. Huwa ngħata b'ħeġġa kbira għall-istudji tal-Latin u ta xhieda ta' dan bil-versi tiegħu tassew raffinati fuq l-istil ta' Katullu. L-Arċisqof Pietru Pace ħatru kanonku koadjutur ta' L-Isqof wara l-mewt tal-kollega tagħna Alfredo Mifsud. Wara li ddgħajjef mill-menti, miet fit-3 ta' Lulju 1924 fl-età ta' 56 u ndifen fil-knisja ta' Ħal Kirkop fil-paċi ta' Kristu.

*Michael Barbara ortum habuit in pago Chircop et a primis annis in Melitensi Seminario studiorum curriculum emensus, inter alumnos facile princeps enituit. Sacerdos inauguraus, in eodem Seminario docendi munere functus est et primum latini sermonis grammaticam postea elocutionis principia, denique dogmaticas desciplinas tradidit magno cum auditorum fructu. Idem in sacris concionibus omnium aures tenuit sive patrio idiomate sive italica lingua. Inter iudices adnumeratus est clericis probandis et curionibus legendis. Romanorum linguam magno alacritate coluit eiusque studii specimen dedit politissimis versibus Catulliano more dictatis. A Petro Pace, Achiepiscopo – Episcopo canonicus adiutor datus est Alphrido Mifsud collegate nostro cui successit. Mentis debilitate correptus, obiit V Nonas (3) Julii 1924, aetatis suæ 56, et in curiali templo chircoppensi requiescit in pace Christi.*